KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 25 – Il-ĦAMIS 15 TA' OTTUBRU 2020**

Il-Kunsill reġa ltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier (assenti b'aploġija) |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**25.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

25.1.1 Ittra tas-sinjorina Farrugia fejn bħala prekawzjoni assumiet ir-responsabbiltà u ddeċidiet li ma tattendix għas-seduta minħabba każ fuq ix-xogħol.

**25.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

25.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (24) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu

bħala moqrija. Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

25.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 25.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

25.3.1 Ma kienx hemm.

## 25.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

25.4.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li wara li l-Kunsill kien ressaq talba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jikkunsidra u jawtorizza spiża biex il-Kunsill ikun jista jikkummissjona lill-Università ta' Malta biex isir studju xjentifiku dwar il-ħtiġijiet ta' din il-lokalità, id-Dipartiment informa li wara li kien ikkonsulta mad-Dipartiment tal-Kuntratti, il-Kunsill ġie infurmat biex jieħu parir legali għaliex hija l-Awtorità Kontraenti li għandha tiddeċiedi jekk sitwazzjoni ta' din ix-xorta tiġix klassifikata bħala 'non-applicable' u b'hekk konformità mad-dispożizzjonijiet kif ukoll mall-proċeduri kif stabbilit fir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku mhiex obbligatorja.

Id-Dipartiment qed ukoll jirrakkomanda li d-deċiżjoni tal-Kunsill għandha tkun iġġustifikata u jinżamm kollox dokumentat. Iżid li governanza tajba tiddetta li l-Awtorità Kontraenti għandha tiddokumenta d-deċiżjonijiet meħuda fir-rigward tal-użu 'non-applicability' tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku.

Saret ukoll riferenza għal regolament nru. 111(3) li jkun japplika għall-akkwist tal-valur imsemmi Eur14k jiddikjara li:

> (3) The regulations under this Part shall not apply when a contracting authority is awarding a public contract to another contracting authority or to a central purchasing body unless the contracting authorities in question have any private capital participation.

Kien deċiż li l-Kunsill għandu jieħu parir legali qabel ma jkun jista jipproċedi.

25.4.3 Is-Sindku Dott. Sciberras ta *update* dwar ix-xogħlijiet li għaddejjin fi Triq il-Wied. L-ilmenti li qed iressqu r-residenti li

huma varji qed jiġu mgħoddija lill-Infrastructure Malta biex jiġu ndirizzati bil-ħsieb li l-inkonvenjenzi jkunu minimizzati.

25.4.4 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kellha tinqala siġra minn Wsegħa J.B. Scicluna minħabba ħsarat strutturali li kienet qed tikkawża din l-ispeċi invażiva. Informa li fuq parir tal-kuntrattur ELC Ltd, ser jitħawwel 'hibiscus' jew 'meteorsideros' biex ma terġax tagħmel ħsara lin-niċċa tal-Madonna.

25.4.4 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li din is-sena b'kuntrarju għas-snin preċedenti, il-Kunsill ma kienx involut fil-loġistika dwar it-titqiba kontra l-influenza staġjonali. Żied jgħid li l-Gvern minħabba l-pandemija tal-COVID-19, din is-sena l-influenza vaccine ser tingħata lil kulħadd. Il-Kunsill offra s-Sala tal-Kunsill lid-Dipartiment tas-Saħħa – Kura tas-Saħħa Primarja biex il-komunità tal-Iklin tkun tista tinqeda minn dan il-post li huwa aċċessibbli għal kulħadd.

25.4.5 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien attenda għall-attività li ġiet organizzata mill-Merrygold Foundation fejn is-sede tal-Kunsill Reġjonali Ċentru. Il-Kunsilli parteċipanti fl-edizzjoni ta' din is-sena ngħataw apprezzament mis-sinjura Michelle Muscat fejn il-Kunsilli xegħlu *landmarks* fil-lokalitajiet bħala turija ta' solidarjetà fil-kampanja ta'għarfien dwar il-kanċer tas-sider.

## 25.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

25.5.1 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa jekk hemmx stabbilit timeframe dwar meta ser titlesta Triq il-Wied.

Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ilu li talab *modus operandi* xhur ilu però għal xi raġuni baqa' ma ngħatax programm tax-xogħol u ż-żmien biex jitlesta l-proġett. Fuq nota pożittiva, informa li l-proposta tal-Kunsill li jiġu mplimentati l-*pedestrian lights* ġiet milqugħa minn Infrastructure Malta.

## 25.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

25.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-18 ta' Settembru u l-14 ta' Ottubru 2020 kif jidher fid-dokumenti A u B.

25.6.2 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar korrispondenza nru. 1722/20. Kwotazzjoni għall-istallazzjoni ta' *multiple sails* fil-*playingfield*.

25.6.3 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar korrispondenza nru. 1725/20. Proġett tal-ħitan tas-sejjiegħ fi Sqaq in-Namur. Ix-xogħol qed isir mill-kuntrattur skont il-pjanti approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar. Jekk wara li jitlesta l-proġett, ikun jirriżulta li jkun għad fadal *savings*, il-Kunsill jista jagħmel talba lill-Awtorità ta' Ġestjoni biex japprova li issir parti oħra bħala estensjoni tal-ħitan tas-sejjiegħ.

Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li x-xogħol ta' rikostruzzjoni tal-ħitan tas-sejjiegħ qed isir skont is-sengħa u l-arti. Fil-preżent, il-Perit li qed jagħmel is-superviżjoni tal-proġett qed f'kuntatt mal-Awtorità tal-Ippjanar biex jagħtuh il-linja uffiċċjali biex ikun jista jitkompla x-xogħol.

25.6.4 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 1730/20. Fattura dwar manutenzjoni ta' tabelli u sinjali tat-traffiku.

25.6.5 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 1905/20. Bajjiet tax-xarabank fi Triq il-Wied. Il-Perit ta' Infrastructure Malta talbet lill-Kunsill biex ngħaddulha *drawings* tal-bajjiet tax-xarabank biex jiġu ntegrati max-xogħlijiet.

**COMPLAINTS SHEET (18 Sept - 14 Oct 2020)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 229 | 18/09/2020 | Ilment li waqgħet siġra ħdejn il-*bus stop* fi Triq Dun Karm | settled | Triq Dun Karm | **ELC** |
| 230 | 18/09/2020 | Bozza mitfija fuq arblu tal-Kunsill, Triq Razzett L-Aħmar | settled | Triq Razzett L-Aħmar | **Contractor** |
| 231 | 18/09/2020 | Hemm bozza maqtugħa quddiem ir-residenza nru. 15, Triq in-Namur. | pending | Triq in-Namur | **ENEMALTA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 232 | 18/09/2020 | Talba biex titranġa l-*Motorcycle bay* ta' ħdejn stabbiliment tan-negozju fi Triq Ċensu Bugeja. | settled | Triq Ċensu Bugeja | **COUNCIL** |
| 233 | 22/09/2020 | Hemm bozza tixgħel u titfi fi Triq il-Mużika. Barra minhekk, kull meta tixgħel, qed tinqatalha s-*salvavita*. | pending | Triq il-Mużika | **ENEMALTA** |
| 234 | 23/09/2020 | Resident qed jilmenta fuq ħruġ ta' ilma quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq Ċensu Busuttil. | settled | Triq Ċensu Busuttil | **COUNCIL** |
| 235 | 24/09/2020 | Ilment dwar ġrieden ħdejn is-*substation* tad-dawl fi Triq il-Wied. | settled | Triq il-Wied | **RODENT** |
| 236 | 25/09/2020 | Residenta qed tilmenta li hemm Aġenzija li mhux qed tosserva l-ħinijiet tal-iskeda tal-iskart. | closed | Triq Richard Taylor | **COUNCIL** |
| 237 | 25/09/2020 | Talba biex jiġi *re-instated* sqaq fi Triq il-Ħwawar, tidħol għalih minn ħdejn Liquid Club. | pending | Triq il-Hwawar | **COUNCIL** |
| 238 | 28/09/2020 | Hemm ħofra taħt bankina fi Triq Ċensu Busuttil. | settled | Triq Censu Busuttil | **COUNCIL** |
| 239 | 28/09/2020 | Ilment dwar rampa illegali fi Triq May Butcher. | pending | Triq May Butcher | **COUNCIL** |
| 240 | 28/09/2020 | Ilment li qed jgħaddu ħafna makkinarju goff u qed iwaqqgħu il-ġebel fi Triq il-Ħarruba. | pending | Triq il-Ħarruba | **COUNCIL** |
| 241 | 29/09/2020 | Talba ghal 'refreshing' ta' Un/Loading bay quddiem stabbiliment tan-negozju fi Triq Ġ. Abos. | settled | Triq Ġeronimo Abos | **COUNCIL** |
| 242 | 29/09/2020 | Fi Triq Dun Karm (fis-service road) faċċata ta' ħanut mas-siġar hemm tabelli neqsin tal-ħinijiet. Qed jingħataw ċitazzjonijiet intortament. | pending | Triq Dun Karm | **COUNCIL** |
| 243 | 29/09/2020 | Ilment fuq vetturi pparkjati fiż-żona tal-parking scheme fi Triq Dun Karm | pending | Triq Dun Karm | **COUNCIL** |
| 244 | 30/09/2020 | Ilment dwar materjal tal-kostruzzjoni fi Triq l-Awrekarja. | pending | Triq l-Awrekarja | **COUNCIL** |
| 245 | 01/10/2020 | Hemm id-doggy bin ta' Triq iż-Żebbuġa mimli u ilu ma' jitbattal. | settled | Triq iż-Żebbuġa | **KUNTRATTUR** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 246 | 01/10/2020 | Talba għal tabella 'cul-de'sac' fi Triq il-Plejju c/w Triq in-Namur. | ordered | Triq in-Namur | **COUNCIL** |
| 247 | 01/10/2020 | Ilment dwar ħafna ħaxix fi Triq Giuseppe Stivala. | settled | Triq Giuseppe Stivala | **KUNTRATTUR** |
| 248 | 02/10/2020 | Ħruġ ta' drenaġġ minn tappiera fis-service road ta' Triq in-Naxxar, ftit 'il fuq minn stabbiliment tan-negozju. | settled | Triq in-Naxxar | **W.S.C.** |
| 249 | 02/10/2020 | Ilment dwar vettura 'damaged' mall-ħajt ta' Triq San Mikiel. Din ilha 3 ġimgħat u tinsab wkoll bla liċenza. | settled | Triq San Mikiel | **POLICE** |
| 250 | 02/10/2020 | Talba biex jiżdied *parking bay* faċċata ta' stabbiliment li hemm fil-kantuniera fi Triq Ġużè Galea. | closed | Triq Ġużè Galea | **COUNCIL** |
| 251 | 06/10/2020 | Ilment dwar infestazzjoni ta' ġrieden fi Triq P M Vella. | settled | Triq P M Vella | **RODENT** |
| 252 | 07/10/2020 | Rapport li l-iskejjel tan-Naxxar fejn hemm il-Higher u l-Middle School qed iħallu l-mużika għolja l-ġurnata kollha. | pending | Triq Giorgio Locano | **POLICE NAXXAR** |
| 253 | 07/10/2020 | Rapport dwar siġra ffullata ħierġa minn propjetà privata fi Triq il-Mużika. Din qed tostakola l-bankina. | settled | Triq il-Mużika | **COUNCIL** |
| 254 | 07/10/2020 | Ilment li hemm parti mill-bankina sfrundata quddiem 'construction site' fi Triq il-Klin. | pending | Triq il-Klin | **COUNCIL** |
| 255 | 07/10/2020 | Ilment dwar xatba li qegħda f'periklu imminenti li taqa. Din ix-xatba tinsab fi Triq in-Naxxar fejn hemm ir-residenza 'Dar il-Lewża'. | pending | Triq in-Naxxar | **COUNCIL** |
| 256 | 12/10/2020 | Hemm siġar fuq bankina li kibru fi Triq Frederick Borg. Ir-residenti ma' jistgħux jipparkjaw. | pending | Triq Frederick Borg | **ELC** |
| 257 | 13/10/2020 | Bankina fi Triq Ġwann Mamo biex isir *reinstatement*. | settled | Triq Ġwann Mamo | **COUNCIL** |
| 258 | 13/10/2020 | Katusa biex titnaddaf f' Wesgħa J.B. Scicluna fejn in-niċċa tal-Madonna | settled | Wesgħa JB Scicluna | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 259 | 13/10/2020 | Triq Ċensu Busuttil c/w Triq Ġwann Mamo korrezzjoni tal-immaniġġjar tat-traffiku. | settled | Triq C Busuttil | **COUNCIL** |
| 260 | 13/10/2020 | *Road Patching* fi Triq Plejju u Triq Għargħur | settled | Triq Plejju & Triq Għargħur | **COUNCIL** |

## 25.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI.

25.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

25.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

25.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Emanuel Zammit u Godwin Catania.

25.7.4 Imbagħad is-Sindku ressaq xi kwotazzjonijiet għall-awtorizazzjoni tax-xiri ta' oġġetti u servizzi.

1. Kwotazzjoni għal rikostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjiegħ fi Triq Għargħur, u Triq Erin Serracino Inglott mingħand il-fornitur Gary Formosa Construction of Rubble Walls għall-prezz ta' Eur2,749.40c VAT inkluż; *Nem con*.

2. Kwotazzjoni għal xiri ta' *online permit system* @Why go digital?' mingħand il-fornitur Annlise Duca għall-prezz ta' Eur2,061.00c VAT inkluż; *Nem con*.

## 25 .8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

25.8.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

25.8.2 Applikazzjoni PA 06273/20 – no. 37, The Orchid, Triq Erin Serracino Inglott L-Iklin – Proposed demolition of washrooms at roof level and

addition of a duplex apartment including a pool to the existing terraced house with a different layout from that approved in permission PA/03608/19.

Proposal also includes minor alterations and extensions of the existing building including the construction of a lift.

25.8.3 Applikazzjoni PA 06412/20 – 37, Karizmu, Triq Dun Karm L-Iklin – Proposed extension to existing domestiċi store and raising of third party wall at roof level.

## 25.9 MOZZJONI DWAR PROĠETT PROPOST 'SLOW STREETS' BIEX JITNAQQAS IT-TNIĠĠIŻ FL-ARJA

25.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras fetaħ id-diskussjoni dwar il-proġett propost 'SLOW STREETS' u ressaq mozzjoni għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni.

25.9.2 Il-mozzjoni mressqa mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo ġiet moqrija u ttieħed vot.

25.9.3 Il-mozzjoni għaddiet bi tlieta favur u astensjoni, bis-sinjuri Dorian Sciberras, Yvonne Bartolo u Emanuel Zammit jivvutaw favur filwaqt li s-Sur Godwin Catania astjena. Il-Kunsillier Bernice Farrugia ma kenitx preżenti għas-seduta.

25.9.4 Il-Kunsillier Godwin Catania għamilha ċara li hu baqa' jżomm mall-pożizzjoni inizjali tiegħu meta din il-materja kienet ġiet diskussa f'laqgħat preċedenti u għalhekk baqa' in linja mall-vot oriġinali.

**(Ara dok. E)**

## 25.10 IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FL-IKLIN

25.10.1 Is-Sindku Dr. Sciberras informa lill-preżenti li kien meħtieġ li l-Kunsill jinvesti f'aktar miżuri fl-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq Erin Serracino Inglott. Għamel riferenza għall-pedestrian crossing li hemm fil-bidu tat-triq fejn minkejja li s-sinjali tat-traffiku u l-marki taż-żebgħa huma viżibbli, jeħtieġ li jitjieb l-immaniġġjar tat-traffiku.

Dan billi jiġu mplimentati l-*belisha lights* u l-*pedestrian crossing* eżistenti tiġi *humped*. B'dan il-mod, nassiguraw li jkollna toroq aktar siguri.

Wara diskussjoni, kien deċiż unanimament li l-Kunsill jikteb formalment lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex jikkunsidra u japprova dan it-titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku.

25.10.2 Is-Sindku għamel riferenza għall-ilment li kien tressaq f'waħda laqgħat tal-lokalità fejn kienet saret rimarka biex fi Triq Ġeronimo Abos km Triq il-Klin jiġu mplimentati *collapsible bollards* biex jinqata l-abbuż li vetturi li jkunu neżlin mid-direzzjoni ta' Triq il-Wied jaċċessaw Triq il-Klin b'mod irregolari.

Wara diskussjoni, kien deċiż unanimament li ssir talba lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta fejn il-Kunsill qed jirrakkomanda li jiġu mplimentati serje ta' *collapsible bollards* 'l isfel mis-*centre strip* ma' Triq il-Klin biex l-immaniġġjar tat-traffiku jkun aktar regolat.

25.10.3 Kien deċiż li jiġi kkummissjunat il-Perit tal-Kunsill biex iħejji x-xogħol tal-applikazzjoni. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali ser tiġi nfurmata li l-Kunsill ser jaħdem bil-Perit tal-Kunsill Matthew Casha.

25.10.4 Il-Kunsill approva *nem con*.

**25.15 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

25.15.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis, 12 ta' Novembru 2020 fil-5.30 pm.

25.15.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Novembru 2020 fil-5.30 pm.

25.15.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.20 pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ____________________ | ____________________ |
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |